# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**147.** **8 ta' LULJU 1911.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankaš minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbn jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IL COLERA.

Dina il marda tant cherħa kieghda tekred f'Paliermu u f'Napli in-nies b'il mijiet u smajt ucoll li f'Messina hemm xi casi ta'l pesta li collox it-taljani kieghdin ijżommu imghotti chemm jistghu biex ma jgerrxux il passiġġieri m'il Esposizjonijiet li ghandhom.

Il Gvern taghna ŭara ħafna tħambik meta ra li il colera hu tasseŭ ŭara biebna ghan'el ħames t-ijiem curantina u milli gharrfuni id-disinfezjon f-Lazzarett kieghda issir b'il ghakal ħafna. Iżda jiena jidhirli li ghad li hemm il curantina u ghad li f'Lazzarett jokoghdu b'seba ghajnejn miftuħa ma hux b'iż-żejjed biex dana is-sajf neħilsu lixx minn dina il marda billi hi f'il krib ŭisk u billi bdiet cmieni ħafna ucoll.

Jecc tasseŭ irridu li il colera ma tinbetx f'Malta jeŭ li jecc tinbet l-haŭn u l-hemm incunu nistghu noħonkuha malajr biex ma tixxerridx u issir ħuġġieġa sħiħa hemm bżonn li nħarsu l-iġieni l-actar kalila biex meta il microbi ta'l colera jidħlu fina ma jsibux ħamrija fejn jinbtu.

U tafu xejn x'inhi dina il ħamrija li fiha jinbtu tant malajr u jfakksu giġŭeġija il microbi ta'l colera? Il ħmieġijiet u il veleni li jcollna f'ġisimna. Jecc jidħlu ġo fina ma' l-ichel, ma'l ilma, ma' l-arja il microbi u ma jsibux x'jieclu jmutu u ma jaghmlulniex ħsara. Iżda jecc ijsibu dac il ħmieġ li jħobbu tant huma jicbru u jfakksu u joctru tant u jerħu minn ġisimhom tant veleni kaŭŭija li bihom jiġi l-attacc ta'l colera. Ghala f'il colera jatic il vomtu u id-diarrea kaŭŭija? Ghaliex in-Natura f'il gherf taghha u fl-imħabba cbira li tħobbna meta tħoss li hemm xi ħaġa fl-istoncu jeŭ fl-imsaren li sejjra taghmlilna xi ħsara cbira tisforza biex tcheċċiha m'il actar fis barra billi iġġieghilna nirrigettaŭha jeŭ inneħħuha minn ŭara.

Mela f'loc li nokoghdu nistenneŭ il ghajnuna ta'n-Natura biex tcheċċilna il veleni ta'l microbi minn ġo fina u li bosta drabi ma jirnexxilhiex ghaliex daŭna jcunu kaŭŭijin ħafna nibdghu naħsbu ftit m'il boghod aħna ħalli nilkghulom biex meta jidħlu f'ġisimna ħalli jinbtu jibkghu b'xiber imnieħer.

Nibdeŭ biex innaddfu ġisimna m'il ħafna ħmieġijiet staġnati minn ħafna snin li ghandna ġo fih. Dana l-aħjar li jista jsir hu b'is-saŭm u b'il purganti. Billi ŭieħed jaghmel ġimgha saŭm jeŭ ftit actar ma jaghmel l-ebda ħsara f'ġismu anzi jaghmel ġid bla tarf u jista jokghod sgur li b'hecc ma hux sejjer ijmut u lankas sejjrin jatuh daŭc l-ghexieŭi li jimleŭlu rasu bihom xi tobba injoranti. F'daŭna it-tmien t-ijiem, billi ma iżżidux ichel ma iżżidux ħmieġijiet u veleni f'il ġisem u ghalhecc il microbi it-tajjba li ghandna f'il ġisem u il fagociti jilħku jekirdu il veleni u il ħmieġijiet li jcun hemm. Biex tghinuhom f'dina it-tindifa ġenerali ħudu ucoll ma tul dina il ġimgha xi żeŭġ purganti u l-aħjar li tieħdu hu ukija *solfato di soda* b'xi nofs jeŭ żeŭġ infas ilma sħun chemm issofrieh. Actar ma tixorbuh ġo qŭantità ta' misħun hu aħjar ghaliex ijnaddaf actar u ma jġibilcom l-ebda tkanżiħ. Min ghandu f'id-dar enteroclisma jeŭ enema ma jaghmel xejn ħażin li jużahom cull jum ghaliex sa chemm il *colon*, iġifieri il musrana il ħoxna, ma tcunx mimlija b'il microbi ta'l ħmieġ iffermentat *ptomaini* (veleni) f'id-demm ma jidħlux u mardijiet ma jinbtux. Mela l-eŭŭel sbarazzaŭha seŭŭa b'saŭma meghjuna b'il purganti u bl-enemi u ŭara okoghdu attenti dejjem li ma tarġax tintlielcom bl-ichel iffermentat billi ma tieclux actar minn dac li jcollu bżonn il ġisem ħalli b'hecc dac collu li tieclu jiddigerixxi ruħu u fl-imsaren ma jibka xejn x'jiffermenta, u malli taraŭ m'il ankas telka, ma l-ankas uġiegh ta'-ras, ma l-ankas nervi li f'id-demm reġghu bdeŭ dieħlin il

veleni ta'l fermentazjoni ġurnata jeŭ tnejn saŭm u purgant ijseŭŭu collox. Mela jecc tridu li sgur ma tieħdux il colera lankas jecc jiġi f'Malta hemm bżonn li tokoghdu b'seba ghajnejn biex fost collox iżżommu il *colon* bla ebda ichel iffermentat fih biex fih ma jcun jista jinbet l-ebda microbu ta'l colera li jcun daħal ma'x-xorb jeŭ ma'l ichel.

Barra milli tnaddfu imsarincom hemm bżonn ucoll li tnaddfu demmcom billi tghinuh ħalli jcheċċi il veleni u il ħmieġijiet li jcun fih ħalli jcun jista jsakki aħjar liċ-celluli u dana taghmluh billi iżżommu jaħdmu tajjeb l-organi li minnhom id-demm ijcheċċi daŭna il ħmieġijiet tieghu. Daŭna huma il clieŭi, il ġilda u il pulmuni. Il clieui jsaffu id-demm u jiġbru il ħmieġijiet collha biex ijcheċċuhom ma'l aŭrina. Mela actar ma tixorbu ilma actar aħjar ghaliex actar ma turinaŭ iżjed jissaffeŭ veleni. Biss l-ilma hemm bżonn li jcun safi u biex tcunu sguri l-aħjar li taghmlu hu li tghalluh tajjeb u iżżommuh intappat tajjeb f'xi flixcun b'it-tapp ta'l ħġieġ smeriljat. Jecc ma l-ilma tagħsru lumija taghmlu ħaġa seŭŭa ŭisk ghaliex l-acidu citricu li fih il-lumi hu l-acbar ghadu ta'l acidu uricu li jitrabba m'il ħmieġijiet ta'l ichel u li jnissel ir-reumatismu, il pullagra, u ħafna mardijiet coroħ oħra. Mela ixorbu ħafna ilma fietel chemm tissaportuh b'ħafna lumi ġo fih ħalli tghinu lil clieŭi jakdu dmirhom seŭŭa.

Biex tghinu il ġilda takdi dmirha hemm bżonn ta'l banju m'hux ta'l ilma baħar li ma jafx ħlief ijżelleġ iżda ta'l misħun fietel b'ħafna sapun fih u ŭara ħatna gharic ta'l idejn ħafna gheric b'xugaman imfelfel ħalli il ġilda tiftħulha il pori collha ħalli minnhom joħroġ ħafna gharak u ma'l ħafna gharak joħorġu daŭc il veleni collha li jcunu kieghdin ijghaccsu l'iċ-celluli u lil fagotici biex daŭna ma jcunux jifilħu jiccumbattu chif ijmissħom ħalli jiddetendu rŭieħhom m'il attacchi ta'l microbi ta'l colera. Mela li timxu biex teghirku, li taħdmu biex teghirku, li taghmlu ftit ginnastica min ijħobbha biex teghirku hu collu ġid u arma contra il colera ghaliex actar ma teghirku u iżżommu il pori ta'l ġilda miftuħin bl-indafa u ix-xoghol actar id-demm jissafta u jcun jista jsakki aħjar iċ-celluli.

Mela żommu il ġilda taħdem seŭŭa b'il banji, b'ix-xoghol jeŭ b'il ġinnastica, u billi ta' sicŭit tbiddlu ħŭejjiġcom li jcunu ġabru ma'l gharak il veleni li chien hemm f'id-demm.

Biex tghinu il pulmuni jakdu dmirhom hemm bżonn li iddaħħlu ġo fihom chemm tistghu ossiġenu ghaliex iċ-celluli ħafna minn dana ghandhom bżonn biex ijcunu jifilħu jiccumbattu contra il microbi ta'l colera.

Mela orkdu b'it-tieka ta'l camra ta's-sodda miftuħa beraħ, u ma'l ġurnata fittxu chemm tistghu li taħirbu m'il folol ta'n-nies u morru chemm tistghu fejn hemm ħafna siġar. U tghallmu ghamlu id-*deep breathing* iġifieri li tmorru kuddiem tieka jeŭ fejn hemm is-siġar u tiġbdu nifsijiet tŭal li iżżommu ghal ftit ħin ħalli il pulmuni jitnaddfu sa'l kiegħ billi l-ossiġenu jasal sa'l kiegħ. Mela arja tajjba u ta's-siġar u le folol ta' festi jeŭ cinematografi jecc tridu tasseŭ li iżżommu boghod minncom il colera.

Hudu ħsieb ucoll l-ichel m'hux biss li ma tieclux iż-żejjed ħalli ma jcollcomx fermentazjonijiet f'il colon iżda li tieclu dac li jcattar is-saħħa u m'hux dac li jgharrakha. Mela aktghu cull xorb ta' spirti, birer u imbejjet, il cafè u it-tè u frottijiet ħodor jeŭ misjura iż-żejjed. Laħam u ġobon m'il ankas u ħalib l-aħjar xejn jeŭ imgħolli tajjeb ghaliex iż-żejjed tieghu malajr jiffermenta. L-aħjar li tieclu bajd frisc u m'hux ŭisk ghax il bosta jiffermenta ħażin ħafna ocoll, frottijiet imsajjra fl-ilma taghhom stess ŭara li tcun naddaftuhom tajjeb, xejn zalzett, mortadella u ħŭejjeġ *preserved*, iżda culu il ħxejjex basta imnaddfin tajjeb u msajjrin fl-ilma taghhom. Culu ħafif ghaliex jecc tieclu ankas ma jistax jaghmlilcom ħsara daks meta tieclu żejjed.

Jecc taghmlu dan li ghidtilcom u iżżommu darcom nadifa, u is-serrħu ġisimcom b'irkad seŭŭa u taħirbu ħafna draŭŭiet ħżiena ghaliex collox ijchidd il ġisem tistghu tokoghdu sguri li trid tcun fula f'kargha biex anche jecc tiġi il colera xi ħadd minncom jimrad biha. Il curantina li ghamel il Gvern hi tajjba hafna iżda il curantina li taghmlu intom lill ġisimcom b'il mod li fehimtcom okoghdu sguri li tcun ŭisk aħjar.

## FRAC.

La Commedia...... è finita ! Il Membru ta'l Parlament Mr: Poynter staksa lil Ministru Harcourt jecc bi ħsiebhom x jatu xi tisŭija ghall ġid f'il Costituzjoni ta' Malta u aktghu dana x'ŭieġeb ? Sgur li taħsbu li ŭara l-elf lira li intefku biex ghamilna festa sabiħa ħafna ħalli biha nuru chemm inħobbu l'is-Sultan taghna, li dana biex jurina chemm ijħobbna tasseŭ u chemm gharaf ra kalbna li dana baghtilna misrura f'il carti strazzi l'Aŭtonomija ! ! Nini ! Nini ! Il Ministru ŭieġbu li naktghu jiesna ghaliex ma hemm l-ebda tama ta' xejn ! U ghall ġieħna daŭna huma il-Liberali, aħseb u ara li ma chienux x'chienu jŭieġbuna ! Mela issa niżel is-separju ta' dina il cummiedja ħarxa u ghalhecc hemm bżonn li ma nibkghux noħorġu ta' vavi iżjed. Nieħdu raġun b'il forza ma nistghux ghaliex ma nifilħux, li inbaxxu rasna u nakilghu fuk dahirna biss ma jakbelx, mela l-aħjar li naghmlu hu li inħabbtulu il Cunsill-farsa ma ħalku u inħalluh ijbaghbas u jghaffeġ hu m'il aħjar li jista ħalli ghallankas ma ncunux.... cuntenti.

Fiha decorazjoni tasseŭ ta'l Incoronazjoni ! X'ma timliex żakkec ħabib li fukna tperper il bandiera ta'l cbira u glorjusa Gran Brettanja !

## TLAKKIT.

—F'Montreal hemm is-Sorijiet ta'l cunvent ta'l « Holy Face » li jorkdu cull lejla ġo tebut bla mħadda u bla cutra xejn. F'il camra ma ghandhom l-ebda biċċa ghamara.

—F'il Californja hemm siġar li iz-zcuc taghhom ijduru tond 90 pied u huma ghaljin 400 u ghalhecc ijħaffruhom u jghammru ġo fihom.

—Il Parlament ta'l Aŭstrija Ŭngerija jdum sena; ta'l Istati Uniti, sentejn; ta'd-Danimarca u ta'l Isvizzera, tliet snin; ta' Franza, ta'l Olanda, ta'r-Rumanija, ta'l Belġju u ta'l Portugall erba snin; ta'l Italja, Germanja, Prussja, u Spanja ħames snin u ta'l Aŭstrija sitt snin.

—Cuba baghtet l'is-Sultan George bħala rigal ta'l Incoronazjoni 10,000 sigarru li jkumu tmien xelini il ŭieħed iġifieri 4,000 lira !

—Is-Sultan Edŭardu, missieru, chien jordna f'New York ħames mitt sigarru f'dakka u li chienu jkumu collha erba mitt lira. L-Imperatur ta'l Germanja, il Cżar ta'r-Russja u is-Sultan ta' Spanja jpejjpu is-sigarretti. Il Papa Piu Ghaxra hu l-eŭŭel Papa li jpejjep billi cull tant ijdaħħan sigarru. Ir-Reġina-Omm Margherita ta'l Italja, l-Imperatrici ta'r-Russja, ir-Reġi-

na ta'r-Rumanija, ir-Reġina-Omm ta' Spanja u ir Reġina-Omm ta'l Portugall collha jpejjpu is-sigarretti.

—Il Papa jdaħħal ma's-sitt mitt elf lira renta f'is-sena!

—L-actar vjolin li haūn f'id-dinja li jkum flus hu dac ta' Kubelik li hu l-acbar vjolinista.

—Manħattan Island li fukha hi mibnija New York hi il post l-actar li fih nies f'id-dinja billi tghodd disgha u disghin elf cull mil qūadrat!

—F'id-dinja jmutu ma'l ħames miljuni nies f'is-sena b'il mard ta's-sider!

—Il Papa jircievi xi 23,000 ittra cull jum!

—L-Imperatur ta-r-Russja jonfok xi elfejn lira sapun u fūejjaħ biss f'is-sena!

—F'Illinois, fl-America, ħarġet liġi li min ma jieħux ghal-lankas banju f'il ġimgha jħarrcuh u jiġi jiccundannat.

—Balla ta' bastiment ta'l gūerra tkum 150 lira; torpedo, 600 lira; u meta miexja taħli ma'l erbatax il-lira faħam cull siegha!

—Nofs lira tajjba ma fihiex ħlief ħames xelini u nofs spejjes. Ghalhecc minn cull lira il Curuna takla erba xelini u nofs.

—F'San Paolo ta'l Brażil mnejn tiġi il cotra il cbira ta'l cafè hemm seba mitt miljun siġra li b'collox jatu xi ghaxar miljun xcora.

—It-Tabib Szendeffy ta' Budapest sab cura ghal mard ta's-sider li biha kieghdin ijfieku it-tmienin f'il mija! u il cura ma tkumx actar minn ħames liri.

—In-nisa fl-America jaghmluha ta' ġurati u meta titħassar xi gherusija u issir caūsa l-imħallfin fiha jcunu nisa!

—L-areoplani jiġru xi sittin mil f'is-siegha. Ghalhecc meta nibdghu, u nitma li ma ndumux, nivvjaġġaū bihom, f'loc fi tmien sighat incunu nistghu naslu Skallija f'siegha biss u f'nofs ġurnata sa Marsilja.

—Fl-incoronazjoni ta'r-Reġina Vittorja intefku m'ir-Renju xi sebghin elf lira; f'dic ta' Edūardu Sebgha xi tliet mija u sittin elf; f'dina ta' Ġorġ ġa ivvotaū mija u ħamsa u tmienin elf iżda jintefku ūisk actar. Il carrozza li jmorru fiha ir-Re u ir-Reġina kamet m'at-tmien t-elef lira u damet tinħadem tliet snin (1759-1762). Il curuna li jkiegħed f'rasu is-Sultan tiżen erba libbri u ghalhecc ūara li l-Arciskof ijlibbishielu ghal ftit jarġa jneħħihielu, iżda ir-Reġina jcollha iżżommha f'rasha sa tasal f'Buckingham Palace u ghalhecc taghha tiżen biss dsatax l-ukija. Sittin elf suldat ħadu seħem f'il festa. Mr. Hays Hammont, il miljunarju American chera dar tnax il elf lira gha's-sitt ġimghat li mar kaghad Londra ghal festa. Americani biss marru ma'l 120 elf ruħ. Id-Duchissa ta' Portland chellha fukha ma'l mitt elf lira dħubijiet, u id-Duchissa ta' Hamilton chellha f'ghonkha cullana ta'l ġaūhar li tkum sittin elf lira! F'dina il festa sejjer ghal l-eūuel darba jintlibes m'ir-Re l-acbar djamant li katt deher f'id-dinja msejjaħ «Cullinan».

—F'it-torok ta' Londra jintghataū ma'l mitt elf lira carità l'it-tlaleb li biċċa cbira minnhom ijcunu ħafna imposturi. Dan l-aħħar sabu li tallab chellu mfaddla f'il Banc tliet t-elef lira billi chien jakla ma'l erbatax il xelin cull jum u ghalhecc il Korti ūaħħlitu tliet xhur ħabs spejjes tieghu. Ieħor sabu li chien jakla lira u ħmistax il xelin cull jum u li f'il ghaxija chien jinbidel f'żaghżugh l-actar eleganti, ijmur il Crystal Palace u it-teatru u f'il Ħdud chellu villa m'il isbaħ f'Norwood. Ghalhecc il bosta tlaleb toghġobhom d'il ħajja!

—Lord Morley kala ghaxar t-elef lira talli chiteb «The Life of Gladstone.»

—It-tabib li jiccura l-Imperatrici ta'r-Russja jakla sebghin lira sterlina ghal cull vista li jaghmlilha.

—Il Czar ta'r-Russja ghandu actar artijiet tieghu privati milli hi cbira Franza.

—Meta is-Sultan ta's-Siam ijcun liebes l-ilbies reali jcollu fuku ma'l mitejn elf lira sterlina.

—Il Prince of Wales ghandu ġabra ta' ghaxar t-elef cartolina postali—ūaħda m'il acbar li haūn f'id-dinja.

—L-Imperatur ta'ċ-Cina ghandu ma' dūaru jakduh ma'l ħames mitt ruħ fosthom tlietin tabib, ħamsa u sebghin astrologu u sittin kassis!

—Xi nisa f'ūiċċhom ijcollhom daūc it-tbajja m'il-leūn il port-wine li s'issa it-tobba collha kalu li ma jitfejjkux. Id-Dr. Kersten sab chif jiccurahom bl-elettricità.

—Jecc fl-Ingilterra xi ħadd joktol kattus mitluf jistghu jaghmlulu caūsa u jcollu jħallas id-danni.

—Meta ūieħed ijcollu jati lil xi ħadd fl-Ingilterra il Korti tista iġġieghlu jħallas tant f'ix-xahar sa chemm ijtaffi dejnu. Dan l-aħħar chien hemm żeūġ sentenzi f'ūaħda l-Imħallef kataghha li dejn ta' lira ghandu jitħallas sold f'ix-xahar, u fl-oħra li dejn ta' ħdax il-lira ghandu jitħallas sixpence f'ix-xahar. B'hecc dan ta'l aħħar chellu sebgha u tlietin sena żmien biex ijħallas dejnu! Ieħor li chellu jati fuk elf lira il Korti tatu 120 sena żmien biex ijħallashom u ghalhecc biċċa minnhom ma jħallashom katt sgur ghaliex ijcun iċ-Cimiterju. F'Leeds certu Mr. John Mottram ġie iccundannat biex ijħallas tliet liri u nofs b'is-sold f'is sena u b'hecc chellu 840 sena żmien biex ijħallas dejnu ħaġa li ma sata katt jaghmel u l-actar billi chien ġa laħħak il ħamsa u sebghin sena.

—Fi Franza ucoll hemm dina il-liġi. Ftit ilu certa Madame Gourio ġiet iccundannata biex tħallas il ħamsin franc li chellha tati b'centesimu f'is-sena iġifieri chellha ħames t'elef sena biex tħallas dejna collu. Madame Gourio f'il Korti stess tatu ħames centesimi (sitt ħabbiet taghna) biex ma jokghodx jicsrilha rasha sa ħames snin oħra.

—F'it-Texas ūieħed talli katel ġie iccundannat disghin sena ħabs. Fi Spanja certu Hijar ġie iccundannat fuk tlietin delitt collha ħorox ħmistax il sena ħabs cull ūieħed b'collox erba mija u ħamsin sena! Is-Sindcu ta' Alba ġie iccundannat fuk 217 il delitt ħorox f'dakka erbatax il sena ħabs cull ūieħed; b'collox fuk tliet elef sena! Ftit ilu fl-Italja il Pulizija ħarrchet ghaxar t-elef ruħ f'dakka f'caūsa!

—Il pols ta'l annimali m'hux collu jħabbat xorta ūaħda f'il minuta. Ta'l jena, 132 darba, ta't-tigra 96, ta'ż-żiemel 40, ta'l-lupu 44, ta'l ghilpa 43, ta'l ors 38, ta'x-xadina 48, ta'l ħmar 42, ta'l ūiżża 110, ta'l ajcla 100, ta't-tiġieġa 104, ta's-seker 150, ta'ż-żrinġ 80, ta'l farfett 60 u ta'l ġrieden 120.

—Minn Malta ghal Tunes haūn 232 mil u ghal Tripli 200; m'il Alġier gha'l Tunes 391 minn Ġibiltà ghal l-Alġier 410 u m'il Alġier ghal Bona 104.

—Fl-Istati ta' Nevada u ta' Utah fl-America ta' Fuk min ijcun iccundannat ghall meūt jista jaghżel bejn it-tghallik u li xcubettjar. Fost ħmistax ūieħed biss ghażel il forca; u ieħor x'ħin stakseūħ liema chienet l-aħħar xeūka tieghu kallhom li chienet li jitghallem b'it-torc ghaliex jaf li biex jitghallem b'dana l-ilsien chienu jridu jghaddu ħafna snin oħra.

—Fl-Isvizzera hemm gazzetta li fiha jictbu iż-zeūġ partiti politici ta'l pajjis. Hecc seūna ghaliex ma tismax dejjem kanpiena ūaħda! Hemm ucoll gazzetta li tgharraf il gherusijiet u it-tieġijiet li jsiru biss! u joħroġ darbtejn f'il ġimgha!! u ghandu numru cbir ta' imsieħbin!!!

—Il-loghob ta'l-Lottu beda fl-1817.

—Is-sapukaja hi bħal ġeūża cbira li ticber fl-America t-Isfel li meta tixghelha tibka takbad sa tinħela bla ma taghmel duħħan u tati daūl abjad u kaūūi ħafna. Tajjba ucoll ghal l-ichel.

# Il Cnejjes ta' Malta

(*Jissoctaŭ minn numru ta' kabel*).

### Il Belt.

Fl-1559, f'capitlu ġenerali, il Gran Mastru La Vallette chien ħaseb biex jibni cnisja seŭŭa ghal l-ordni f'il Birgu u bosta Cavalieri ħarġu ħafna flus. Iżda billi ŭaħħal f'rasu li jibni belt ġdida biddel il ħsieb biex ijcun jista jibniha hemm.

F'it-22 ta' novembru 1573 tkieghdet l-eŭŭel ħaġra ta' S. Ġŭann fuk id-disinn ta' Għormu Cassar li chien mar apposta Rodi biex jarfa il pjanta tuk il cnisja ta' hemm.

F'lulju 1577 chienet lesta.

F'il 20 ta' frar 1578 ġiet icconsagrata minn Mons. Ludovico De Torres, Arciskof ta' Monreale.

Fl-1749 geŭ icconsagrati iż-żeŭġ kniepen il cbar m'il Iskof Alferan. Daŭn chien ghamilhom minn butu il Gran Mastru Pinto.

Fl-1736 żdiedu iż-żeŭġ curituri li hemm ma ġenb il cnisja bi flus il Gran Mastru De Vilhena. Mela sa dic is-sena il pjazza ta' kuddiem il Korti fejn il-lum hemm il ghajn chienet actar ŭiesgha.

Fl-1662 il famus pittur Mattia Preti beda it-tpinġija ta'l cnisja.

Fl-1675 tlestiet it-tpinġija.

Fl-1641 il Cav: Alessandro Zambeccario ta iż-żeŭġ fontijiet ta'l ilma imbierec li hemm ħdejn il bieb.

Fl-1723 inħadem fi Siena il monument ta' Zondadari.

Fl-1669 ġie moghti m'il Papa Clement Disgha il ġisem ta' S. Clement Martri li hemm f'il Cappella ta' S. Ġacbu.

Fl-1738 il Papa Clement Ħdax ta lill Gran Mastru Despuig il ġisem ta' S. Fidiel li jinsab f'il Cappella ta' S. Bastian.

Fl-1752 tkieghed il cancell ta'l fidda ta'l Cappella ta's-Sagrament u li chien sar minn flus il Cav: Francesco Guerena.

Fl-1704 sar chif inhu l-altar ta'l Cor m'il Gran Mastru Pinto.

Fl-1716 il Gran Mastru Perellos indura il Cor.

Fl-1686 inħadem f'Ruma l-altar maġġiur fuk id-disinn ta'l Cav: Bernini fi żmien il Gran Mastru Carafa li nefak 4,500 scud m'it-tesor.

Fl-1655 saru il Mosè u l-Ajcla m'il Gran Priur Francesco a Lotharingia.

Fl-1606 il Gran Mastru Alofju Wignacourt kata riġel Santa Eŭfemja li hemm f'il Cappella ta' Santa Caterina ŭara talba ta'l Papa Paŭlu Ħamsa u baghtu lill Università ta's-Sorbona ta' Pariġi.

Fl-1700 saru l-arazzi f'il Belġju m'il famusa fabbrica De Vos li kamu 40,000 scud malti. Id-disinn hu fuk dac ta' P. P. Rubens, u ghamilhom minn flusu il Gran Mastru Perellos u ghalhecc hemm ir-ritratt tieghu fihom.

Fl-1669 sar il-lampier il cbir ta'l fidda minn flus il balliju Rospigliosi.

F'il 11 ta' April 1676 bdiet il processjoni minn S. Ġŭann ghal cnisja ta' Sarria nhar il Cunciżjoni b'ŭieghda ta'l pesta ta'l 1675-76. Fiha chien jieħu sehem sa'l Gran Mastru u il-lum ijmur l-Iskof.

F'is-27 ta' jannar 1816 saret Concattedral b'it-tħabric ta'l Iskof Mattei.

(*Jissoctaŭ.*)

# IL CURA TA'S-SAŬM

(*Tissocta minn numru ta' kabel.*)

Edwin Markham f'il «*Cosmopolitan Review*» ta' Frar 1911 ijghidilna «*that he has seen tested the efficacy of the complete fast, especially in the case of ills and ails springing from overeating,—the special vice of adult human beings*» u jsemmi il cas ta' ħabib tieghu li chien gharrak l-istoncu tieghu bl-ichel żejjed u b'il kghad ta' b'il kieghda. Il marda chienet ŭasslitu f'xifer il kabar (*he saw the grave drawing near after weeks of acute agony*) meta ghamel saŭma ta' ghaxar t-ijiem bl-ilma distillat biss. Fiek u baka jaħdem ghal ħafna snin ŭara kaŭŭi u sħiħ.

—Dr: Tanner sam darba erbghin u darb'oħra tnejn u erbghin ġurnata. Fl-eŭŭel saŭma dam l-eŭŭel erbatax il ġurnata bla ma lankas jieħu ilma iġifieri b'XEJN u tilef fihom ma'l libbra u nofs cull jum; ŭara l-erbatax il jum beda jixrob u compla is-saŭma u beda jitlef xi nofs libbra pis cull jum biss. Tanner kal: «*From my experience I hold aqueous fluid as among the most valuable of foods, not a tissue—builder but a great strength giver*» imħabba fl-ossiġenu li fih.

—Succi sam ghal tnejn u tlietin darba u ghadu kaŭŭi u sħiħ ijghix f'Firenze f'villa sabiħa li bena m'is-saŭmiet li ghamel. Dana juri li dac li kalu xi tobba maltin li is-saŭm jaghmel ħsara f'il ġisem ma chienx ħlief ħolm ta'l injoranza cbira taghhom. Dr: Tanner ghandu tmienin sena, sam bosta drabi, u ghadu ħajj u jsum spiss ucoll!

—Fl-America hemm żeŭġ Sanatorji li fihom in-nies ijmorru jaghmlu il cura ta's-saŭm. Ŭieħed hu dac ta'l famus Bernarr Macfadden, il direttur ta'l «Physical Culture Magazine» u li hu kieghed f'Cicago, 42d Street and Grand Boulevard. Dana ħareġ bosta cotba sbiħ fuk is-saħħa u fosthom «*Fasting, Hydrotherapy and Exercise.*» L-ieħor hu is-sanatorju ta't-Tabiba Linda B. Hazzard, li jinsab f'Seattle, Washington. Dina tghallmet taħt il gharef Prof: Dewey li chien l-eŭŭel ŭieħed li ħakkak ħafna u li chiteb bosta cotba sbiħ fuk is-saŭm u ghalhecc taf xi tghid ħafna fuk din il cura u l-actar billi chitbet il ctieb interessanti «*Fasting for the cure of disease*» li fih semmiet actar minn elf cas li iccurat b'is-saŭm hi stess. C. C. Haskell, ta' Norwich, Connecticut, fl-America ucoll, ghandu *Correspondence-School* fuk is-saŭm iġifieri jiccurac billi jfiehmec b'il chitba x'ghandec taghmel u dana jifhem ħafna billi sam żmien tŭil hu stess u ilu sbatax il sena jiccura in-nies. Dan chiteb «*Perfect Health*» li hu imfaħħar ħafna. It-Tabib Eales ta' Belleville, fl-America, jilka fl-Istitut tieghu nies ghall cura ta's-saŭm ucoll u chiteb ctieb sabiħ ħafna «*Healthology*» fuk is-saŭma ta' tlietin ġurnata li ghamel hu stess. Minn dana naraŭ li dac li hu ġdid ghalina fl-America beda jekdiem ġmielu.

—Upton Sinclair f'il ctieb li ħareġ ix-xahar l-ieħor. «*The Fasting Cure*» ijghidilna li minn fuk il cotba ta' Metchnikoff (*The Prolongation of Life* u *The Nature of Man*) u minn fuk daŭca ta' Chittenden (*The Physiological Economy in Nutrition* u *The Nutrition of Man*) tghallem chif jinbet il mard f'il ġisem ta'l bniedem. L-ichel żejjed ma jinħademx u ma jinxtorobx m'il imsaren, u ghalhecc jibka miġbur f'il colon li hi il musrana il ħoxna fejn jikras u jdeŭŭed. Daŭc il ħafna microbi li jcun hemm miġmugha jixxalaŭ kalb dac l-ichel iffermentat jarmu minnhom infushom veleni li jissejjħu *ptomaini* u li jinxtorbu m'id-demm u joktlu ic-celluli ta'l ġisem jeŭ ijghajjuhom biex ma jcunux jifilħu jitkatlu contra il microbi ta'l mardijiet. Actar ma jcun hemm ichel iffermentat f'il colon actar ijcun hemm microbi, u actar ma jcun hemm minn daŭna actar joctru il ptomaini u ghalhecc il ħsara f'il ġisem.

(*Tissocta*)

# IS-SAHHAR FALZUN.

( *Jissocta minn numru ta' kabel.* )

«Ġann, jiena naf li inti il-lum cbirt u ma tiflaħx ghall moħkrija ta'l jasar u ma irridx ninsa li meta jiena ūkajt irsir tieghec int imxejt mieghi ħafna ta' raġel. Mħabba f'Colina marridx lankas nimxi ta' chiefer mieghec. Jiena sejjer neħil-sec m'il jasar, natic l-ura il birgantin tieghec b'in-nies u b'cull ma cheliec fuku, inūasslec sa fuk Malta biex ħadd ma jmissec ħalli tasal kaūūi u sħiħ fi ħdan il familja tieghec b'it-tislijiet tieghi, iżda kabel nitilkec trid taħlifli fuk dina id-domna mkaddsa li tatini il Colina b'marti. Jiena il-lum sid ta' bergantin m'il isbaħ bħalec, jiena ġa ghandi chemxa ġid imreccna seūūa, u bintec ġa la darba tħobb lili b'dic it-telfa collha u m'hux lil dac il kibx ta' fizzjal malti ma tistax tcun ħienja ħlief mieghi, mieghi li inghożżha actar m'id-daūl ta' ghajnejja... Xi tghid, Ġann? ».

Abela chien imchebbeb fuk is-sġġu donnu barra minnu in-nifsu. Il ħruxija tieghu rakdet f'dakka meta issa sab ruħu f'il jasar u b'ġidu mitluf collu. Ma riedx chiecu jħarrax il Ħasan u jitlef collox. Talla u niżżel ftit, ūaħħal f'rasu li ghandu jghid iva sa jeħles m'il mansba u imbaghad jilaghbu, u kallu: —

— « La tixtiek hecc, naħlifulec » u kabad id-domna minn fuk sider Ħasan u biesha b'il kalb f'il ħin li raġa ħares lejha seūūa biex jara chienetx dic sgur li tatu bintu Colina.

Ħasan intela b'il ferħ, ħadlu b'idu u kallu: — « Ġann inti ħieles, biss nitma li ma tkarrakx bija ghax jibdielec. Mela issa jiena inūasslec sa fuk Marsaxlocc, mur f'darec u ġib il Colina, li tilka il bxara b'il ferħa, f'Ħandak-ir-Rummien ta' Ghaūdex. Hemm incun nistenniecom, intejjġu u ūara li nbigh il bergantin u l-irsiera li ghandi niġi nghix maghcom ghal collox biex ma nifredcomx minn bintcom. Joghġboc hecc? »....

Ġanni, li chif ghidna chien ūaħħal f'rasu li ghandu jilaghbu u li f'loc li jatih il Colina b'martu jaħtfu taħt idejh u jitħallas minnu bl'icreħ, ma kaghad jitħasseb xejn u ūieġbu minnufih:— «iva.... iva....»

Ħasan ħeba id-domna, fetaħ il bieb ta'l camrin, sejjaħ l'in-nies tieghu u kallhom biex jarġghu jarmaū il bergantin « *S. Paūl* » m'il aħjar li jistghu u li jghammruh m'il ġdid b'in-nies li chellu fuku. Daūc bakghu mistaghġba u ma feh-mux ghala, iżda la ir-Rajjes kal hecc, hecc chellu jsir bla ma ħadd chellu jarfa ghajnejh biex jistaksi ghala.

Cullħadd medd idejh m'il aħjar li sata biex seūūeū il ħsara li chellu il bergantin «*San Paūl*,» u tistghu taħsbu chif intleū b'il ferħ in-nies ta' Abela meta semghu m'il fomm ħanin ta' Ħasan li il ħelsien chien ghalihom ucoll.

Resku b'il mod il mod fuk Marsaxlocc, u Ħasan ūara li ghabba lil Ġanni b'hafna rigali m'il isbaħ ghal Colina u ūara li faccru f'il ħalfa li ghamillu telakhom ghal rieħhom u hu ġibed fuk Ghaūdex biex ijmur jistchenn sa chemm Ahela jġiblu hemm il Colina biex ijcun ħieni maghha ghal dejjem.

Biss, billi chien jaf tajjeb ħafna lil karrieki cursar malti u billi ħaseb f'il boghod li sata jilaghbu f'loc li mar stchenn lejn Ħandak-ir-Rummien, fejn ftiehmu, ġibed lejn San Blas u stchenn ūara l-irdum. F'daūc iż-żmienijiet hemm cont tista toktol u tidfen ghaliex billi ta' sicūit chienu jiġu jħarbtuhom it-Toroc ma chienetx tghammar ruħ fihom; u ghalhecc Ħasan u in-nies tieghu bakghu jimirħu f'dic ix-xtajta tant sabiħa bla ma nibixhom ħadd. Tasseū li id-dinja raddiena chif chienu jghidu ix-xjuħ taghna. Daūc l-inħaūi fl-antic chienu inghammra m'il aħjar nies u dana nistghu naraūh m'il Ġgantija li hemm krib ix-Xaghra u li sa chemm bneūha ta' dac il cobor ma jfisserx ħaġ'oħra ħlief li chienu jghammru ma dūarha ħafna nies. M'il banju li sabu ir-Ramla nifhmu ucoll li fi żmien ir-Rumani, ghall ħabta iġifieri li ġie S. Paūl f'pajjisna, dic ix-xtajta chienu jmorru f'is-sajf fiha l-aħjar nies ghonja. Bejn in-Nadur u il Kala, in-naħħa ta'ż-Żeūuieka, sa snin ilu chien ghadu jidher ġebel cbir, ħrieb ta' xi tempju cbir ieħor ta'l eūlenin nies li ghammru f'Ghaūdex u dana jnebbaħna li l-hemm ucoll chienu jinsabu mifruxa ħafna djar inghammra minn nies felħana u ta' deħen cbir.

Iżda iż-żmien jordom collox u f'dic il ħabta li resak Ħasan l-hemm ma chienx hemm ħadd ijghammar fuk danc ix-xtut u ma contx tilmaħ ħlief xi ghorfa l-haūn u l-hinn biex minna chienu jcunu jistghu jħarsu xi rokgha raba li xi ftit kalbiena, chienu jiżżargnu jaħdmu il daūc l-inħaūi. F'ix-Xa-ghra chien ghad hemm biss il cnisja kadima ta' Sant Anton Abati li fl-1400 chienet teżisti ġa sgur, u li ūara saret il par-roċċa sa' mbniet il cnisja. Cnisja oħra kadima chien hemm f'Marsalforn mibnija, scond ma jgharrafna il gharef ghal dxi Agius De Soldanis, biex tfaccarna f'il maūra ta' San Paūl f'Ghaūdex f'it-tliet xhur li kaghad fostna. Iżda daūn it-tnejn chienu jaħbtu ftit boghod minn fejn daħal jistchenn Ħasan b'il bergantin tieghu u Ħasan ma marx biex ijħarbat jeū jagh-mel ħsara. Il cnisja ta'n-Nadur imbniet ħafna ūara ghaliex saret parroċċa biss fl-1688 *, u dana juri li ir-raħal nibet tard ħafna imħabba f'il biża ta't-Toroc. Santa Marija ta'l Kala chienet hemm min żmien tūil kabel iżda mħabba f'il misħuta Musulmani meta ġie Mons: Duzina fl-1575 ma sabhiex ħlief gozz ġebel nieżel u ghalhecc ipprofanaha. Billi f'il ghar ta' taħtha chien ijghammar raħeb kaddis u chienu saru ħafna gheġubijiet in-nies ta' Malta u Ghaūdex chienu jmorru bi ħġarhom hemm biex jitolbu xi fejkan jeū xi ħelsien m'it-Toroc, u ghalhecc Ħasan ghażel dic il cnisja biex ijtejjeġ fiha ma'l maħbuba ta' kalbu Colina ghaliex chien jaf li dina chellha lejha kima cbira ūisk bħal ma chellhom l-aħjar familji ta' Malta. Gusmana Navarra, fl-1549, tatha biċċa art seūūa biex jerġghu jirfduha u chien actarx Ugolinu Navarra li chien ħalla it-tkassim ta' sitt t-itmien kamħ f'ħobż cull nhar il festa taghha.

Iżda li daūna l-inħaūi ma chienux inghammra seūūa f'daūc iż-żmienijiet naraūh ucol minn dana li l-eremita ta' Ūied il Ghasel mar ijghix hemm u jinsab midfun taħt il cnisja fejn ijmorru ħafna nies biex b'it-trab ta' kabru jakilghu il fej-kan li jixtieku; u sa l-1726 chien ghad hemm ijghammar eremita ieħor, Fra Antonio di S. Carlo, pjemontis u raħeb ta' Sant'Anton Abati u li chien ġie m'il Gżira Lampedusa fejn chien ijghammar kabel. Ghajn Selim laħak ūara ħafna tant li il cnisja tieghu saret parroċċa biss fl-1855, billi kabel chien jaghmel ma'x-Xeūchija; u il fortizza ta' Chambray ma imbnietx ħlief fl-1749 m'il Cavalier francis Jacopo Francesco de Chambray fuk id-disinn ta'l Cav: Tignè b'il ghajnuna ta'l archi-tett Maradon. F'ir-Ramla Mons: Duzina fl-1575 chien żar cnisja żghira ta' San Brancatu u oħra ta' Santa Marija *Gaudiorum* li billi sabhom ħafna mħarbtin, actarx m'il killa ta't-Toroc, ipprofanahom. It-Torri San Martin chien bniħ il Gran Mastru Garzes fl-1600 u dac ta' Mġarr-ix-Xini, Deredin fl-1558.

Minn dana li ghidna nifhmu tajjeb li dic ix-xakliba art minn Marsalforn sa Ras-it-Tafal billi ta' sicūit chienet imħarbta m'il cur-

---

* **Ferris**—*Descrizione delle Chiese.*

## DIFFIDA.

Billi sirt naf illi persuna ftit onesta fil uakt li kieghda tabbusa mil fiducia illi bid-dritt collu kieghda tgaŭdi id-ditta tieghi, kieghda tghid illi dar ohra hija li stess dar tieghi, ghandi ghalhecc niddichiara illi jiena m'hiniex responsabbli tal consenja regolari tat-titoli, tal pagamenti tal premji bollettini u ta cull contestazioni illi tista tinkala hlief ghal contratti u ricevuti illi igibu il firma tieghi C. BORNACCINI.

Navza barra minn dan illi il prezzijiet ghat-titoli b'pagamenti ta hames xelini huma:—

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HUNGARIAN FONCIER | £ 8 | 10 | 0 | cull titolu |
| PANAMA | 8 | 0 | 0 | ,, |
| CONGO | 6 | 0 | 0 | ,, |

Ghalhecc daŭc il clienti illi jixtieku jacqŭistaŭ xi titolu tad-ditta tieghi huma mitlubin li jirrifiŭtaŭ cull cuntratt o hŭejjeġ ohra illi ma jġibux il firma tieghi.

Kabel tiffirmaŭ kiesu li tcunu tafu tajjeb ma min tcunu sejjrin tittrattaŭ, chif ucoll informaŭ ruhcom fuk dac li ghandcom thallsu, biex imbaghad ma tiġu fl-ebda imbarazz. Cull informazioni o hŭejjeġ ohra ma ghandcomx tohduhom hlief minn ghand

C. BORNACCINI, 87, Strada Forni, Valletta.

---

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha aħjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' għodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

---

Min ijrid jicri forn il Belt, f'it-Tombata ta'l Mandraġġ, Nri. 142 u 143, ijmur ghand Censu Muscat b'il ħanut f'id-numri 144 u 145 fejn hemm l'imfietaħ u ieħed jista jiftiehem ucoll fuk il chera.

*Sejjer johrog' ma jdumx!*

## AGOSTINO LEVANZIN

# IL CURA TA'S-SAUM

Ctieb interessanti tasseu li minnu titghallmu chif taghmlu dina il cura, chif ticsruha, chif tfejjku biha hafna mardijiet u liema g'id tista taghmel u liema huma il pericoli ghal min ma jaghmilhiex seuua; x'hassejna ahna g'urnata b'g'urnata u hafna huejjeg' ohra li meta uiehed jakrahom jistghu jisueulu uisk ghal g'id ta' sahhtu. Il ctieb ijcun stampat fuk carta m'il ahjar u ijcun fih bosta stampi fosthom dauc ta's-Sur Levanzin chif chien sar fl-40 jum ta's-sauma tieghu. **Ijkum tmien soldi biss.** Ghall bejgh **xelin.** Tistghu tissiehbu b'ittra.

---

# TÈ TA CEYLON

# 'MARAVILLA'

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA



Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daûc collha li jridu jiccuraû rûiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.





Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh fukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.



# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.



# L-Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U ĦÛEJJEĠ OĦRA M'IL AĦJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRĦAS TASSEÛ, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U ĦADHA **F'IL HANUT TA' HDEJH SEUUA** LI HU ÛISK ACBAR U ISBAĦ U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AĦJAR U B'ACTAR ĦEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MIŃN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GĦAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club seuua.**



# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn hadd li ma hux maħsns b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**ĠIPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.